



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0281/2012**

20.9.2012

# RAPPORT

dwar l-emenda tal-Artikolu 70 tar-Regoli ta' Proċedura dwar negozjati interistituzzjonali fi proċeduri leġislattivi (2011/2298(REG))

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteur: Enrique Guerrero Salom

PR\_REG

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	9
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI.....	14
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	20

## PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-emenda tal-Artikolu 70 tar-Regoli ta' Proċedura dwar negozjati interistituzzjonali fi proċeduri legiſlattivi (2011/2298(REG))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-ittra mingħand il-President tiegħu tat-18 ta' April 2011,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 211 u 212 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0281/2012),
1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;
  2. Ifakkar li dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tas-sessjoni parzjali li jmiss;
  3. Jagħti iſtruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

### **Emenda 1**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew  
Artikolu 70 – paragrafu 1**

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

1. Negozjati mal-istituzzjonijiet l-oħrajn bil-għan li tintlaħaq ftehim waqt proċedura legiſlattiva għandhom jitwettqu filwaqt li jitqies il-Kodiċi ta' Mġiba ***għal negozjar fil-kuntest tal-proċedura legiſlattiva ordinarjai.***

1. Negozjati mal-istituzzjonijiet l-oħrajn bil-għan li tintlaħaq ftehim waqt proċedura legiſlattiva għandhom jitwettqu filwaqt li jitqies il-Kodiċi ta' Mġiba ***stipulat mill-Konferenza tal-Presidenti.***

### **Emenda 2**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew  
Artikolu 70 – paragrafu 2**

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

2. Qabel ***ma jidħol f'negozjati bħal dawn,***

2. ***Tali negozjati m'għandhomx jinbdew***

*il-kumitat responsabbli għandu, fil-prinċipju, jieħu deċiżjoni b'maġġoranza tal-membri tiegħu u jadotta mandat, orjentazzjonijiet jew prijoritajiet.*

qabel l-adozzjoni mill-kumitat responsabbli, fuq bażi ta' każ b'każ għal kull proċedura leġislattiva kkonċernata u, b'maġġoranza tal-membri tiegħu, ta' deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati. Dik id-deċiżjoni għandha tiddetermina l-mandat u l-kompożizzjoni tat-tim tan-negozjati.

### Emenda 3

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew  
Artikolu 70 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*Il-mandat għandu jikkonsisti f'rapport adottat fil-kumitat u mqiegħed fuq il-Mejda għal eżami ulterjuri mill-Parlament. Bħala eċċezzjoni, meta l-kumitat responsabbli jqis li jkun debitament ġustifikati li wieħed jidħol f'negozjati qabel l-adozzjoni ta' rapport fil-kumitat, il-mandat jista' jikkonsisti f'sett ta' emendi jew f'sett ta' objettivi, prijoritajiet jew orjentazzjonijiet definiti b'mod ċar.*

### Emenda 4

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew  
Artikolu 70 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*2a. It-tim tan-negozjati għandu jitmexxa mir-rapporteur u għandu jiġi ppresedut mill-President tal-kumitat responsabbli jew minn Viċi President innominat mill-President. Għandu jinkludi għall-inqas ix-shadow rapporteurs minn kull grupp politiku.*

### Emenda 5

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew  
Artikolu 70 – paragrafu 2b (ġdid)**

**2b. Kwalunkwe dokument maħsub biex jiġi diskuss f'laqgħa mal-Kunsill u l-Kummissjoni ("trilogu") għandu jieħ u l-forma ta' dokument li jindika l-pożizzjonijiet rispettivi tal-istituzzjonijiet involuti u s-soluzzjonijiet ta' kompromess possibbli u għandu jiġi ċċirkolat mat-tim tan-negozjati għall-inqas 48 siegħa, jew f'każijiet ta' urġenza għall-inqas 24 siegħa, qabel it-trilogu inkwistjoni.**

**Wara kull trilogu, it-tim tan-negozjati għandu jirrapporta lura lil-laqgħa sussegwenti tal-kumitat responsabbli. Id-dokumenti li jirriflettu l-eżitu tal-aħħar trilogu għandhom ikunu disponibbli għall-kumitat.**

**Meta ma jkunx fattibbli li tissejjaħ laqgħa tal-kumitat b'mod f'waqtu, it-tim tan-negozjati għandu jirrapporta lura lill-President, lix-shadow rapporteurs u lill-koordinaturi tal-kumitat, kif xieraq.**

**Il-kumitat responsabbli jista' jaġġorna l-mandat fid-dawl tal-progress tan-negozjati.**

## **Emenda 6**

### **Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 70 – paragrafu 3**

3. Jekk in-negozjati jwasslu għal kompromess **mal-Kunsill wara l-adozzjoni tar-rapport mill-kumitat**, il-kumitat għandu **fi kwalunkwe każ jerġa' jiġi kkonsultat qabel ma ssir il-votazzjoni fil-plenarja.**

3. Jekk in-negozjati jwasslu għal kompromess, il-kumitat **responsabbli** għandu **jkun infurmat mingħajr dewmien. It-test miftiehem għandu jiġi ppreżentat lill-kumitat responsabbli biex jeżaminah. Jekk jiġi approvat fil-kumitat, it-test miftiehem għandu jitqiegħed fuq il-Mejda sabiex jiġi eżaminat mill-Parlament fil-forma xierqa, inklużi l-emendi ta' kompromess. Jista' jiġi ppreżentat bħala test konsolidat sakemm ikun juri b'mod**

*ċar il-modifiki għall-proposta għal att  
leġislattiv li tkun qed tiġi eżaminata.*

## **Emenda 7**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew  
Artikolu 70 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

***3a. Meta l-proċedura tinvolvi kumitati  
assoċjati jew laqgħat konġunti tal-  
kumitati, l-Artikoli 50 u 51 għandhom  
japplikaw għad-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-  
negozzjati u għall-mod kif jitmexxew dawn  
in-negozzjati.***

***F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-kumitati  
kkonċernati, il-modalitajiet għall-ftuħ  
tan-negozzjati u għat-tmexxija ta' tali  
negozzjati għandhom jiġu ddeterminati  
mill-President tal-Konferenza tal-  
Presidenti tal-Kumitati b'konformità mal-  
prinċipji stabbiliti f'dawk l-Artikoli.***

## **Emenda 8**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew  
Artikolu 70a (ġdid) – titolu**

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

***Artikolu 70a***

***Approvazzjoni ta' deċiżjoni dwar il-ftuħ  
ta' negozjati interistituzzjonali qabel l-  
adozzjoni ta' rapport fil-kumitat***

## **Emenda 9**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew  
Artikolu 70a (ġdid) – paragrafu 1**

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

***1. Kwalunkwe deċiżjoni minn kumitat  
dwar il-ftuħ tan-negozzjati qabel l-  
adozzjoni ta' rapport fil-kumitat għandha***

*tiġi tradotta fil-lingwi uffiċjali kollha, għandha titqassam lill-Membri kollha tal-Parlament u għandha tiġi ppreżentata lill-Konferenza tal-Presidenti.*

*Fuq talba ta' grupp politiku, il-Konferenza tal-Presidenti tista' tiddeċiedi li tinkludi l-punt, biex jiġi eżaminat b'dibattitu u votazzjoni, fl-abbozz tal-aġenda tas-sessjoni parzjali ta' wara t-tqassim tad-deċiżjoni, f'liema każ il-Parlament għandu jstabilixxi skadenza għat-tqegħid ta' emendi fuq il-Mejda.*

*Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Konferenza tal-Presidenti biex il-punt jiġi inkluż fl-abbozz tal-aġenda ta' dik is-sessjoni parzjali, id-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati għandha titħabbar mill-President waqt il-ftuħ ta' dik is-sessjoni parzjali.*

## **Emenda 10**

### **Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 70a (ġdid) – paragrafu 2**

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*2. Il-punt għandu jiġi inkluż fl-aġenda tas-sessjoni parzjali ta' wara t-tħabbir tad-deċiżjoni għal eżami b'dibattitu u votazzjoni, u l-President għandu jstabilixxi skadenza għat-tqegħid ta' emendi fuq il-Mejda meta għaxra fil-mija tal-Membri kollha tal-Parlament li jkunu ġejjin minn tal-inqas żewġ gruppi politiċi jew tal-inqas żewġ gruppi politiċi jitolbu dan fi żmien 48 siegħa wara t-tħabbir tad-deċiżjoni.*

*Jekk ma ssir l-ebda talba bħal din, id-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati għandha titqies approvata b'effett immedjat.*

*Id-deċiżjoni kif approvata għandha tiffirma l-bażi għall-mandat tat-tim tan-negozjati u għandu tiġi riferuta lura lill-kumitat responsabbli.*





## NOTA SPJEGATTIVA

Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati kellha skambju estensiv ta' fehmiet dwar negozjati fil-kuntest tal-proċedura leġislattiva ordinarja fil-laqgħa tagħha tad-19 ta' Ottubru 2010. Is-Segretarji Ġenerali tal-gruppi politiċi kkontribwew kummenti u analiżi fid-dawl tad-diskussjoni li kellha ssir fil-Konferenza tal-Presidenti. Il-Konferenza tal-Presidenti qajmet il-kwistjoni fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Marzu 2011. Fl-ittra tiegħu tat-18 ta' April, il-President Buzek informa lill-President Casini dwar l-eżitu tal-laqgħa u kkomunika d-deċiżjoni tal-Konferenza li skontha l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali kien mistieden jirrevedi l-Artikolu 70 tar-Regoli ta' Proċedura bil-għan li l-proċeduri jsiru aktar effettivi, aktar trasparenti u aktar inklussivi permezz tal-inkorporazzjoni ta' xi elementi ewlenin tal-*Kodiċi ta' Mgħiba għal negozjar fil-kuntest tal-proċedura leġislattiva ordinarja*<sup>1</sup> fil-parti vinkolanti tal-Artikoli, u b'mod partikulari f'dawk il-partijiet dwar:

- id-deċiżjoni ta' kumitat li jidħol f'negozjati;
- id-deċiżjoni dwar il-kompożizzjoni u l-mandat tat-tim tan-negozjati;
- ir-rappurtar lura regolari lill-kumitat ikkonċernat dwar il-progress u l-eżitu tan-negozjati, inkluż kwalunkwe ftehim milħuq;
- il-konsultazzjoni mill-ġdid tal-kumitat dwar it-test miftiehem qabel il-votazzjoni fil-plenarja.

Fir-rigward ta' din ir-referenza, is-Sur Lehne baġhat rakkomandazzjonijiet<sup>2</sup> dwar l-aħjar prattiki għall-applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Mgħiba lill-President Casini. Il-kuntest interistituzzjonali wkoll għandu jitqies, b'mod partikulari fid-dikjarazzjoni konġunta tal-PE, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni<sup>3</sup>.

Ir-rapporteur ippreżenta lill-kumitat dokument ta' ħidma u abbozz ta' rapport matul il-Ħarifa tas-sena li għaddiet. Fid-dawl tad-dibattiti dwar dawk id-dokumenti, saru bosta konsultazzjonijiet mal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, max-shadow rapporteurs u fil-gruppi politiċi. Dawn il-kuntatti esploratorji taw kontribut għall-irfinar tal-approċċ rifless fid-dokument ta' ħidma u fl-abbozz ta' rapport u wasslu għal dan l-abbozz rivedut.

Il-kwistjoni tan-negozjati interistituzzjonali u l-ftehimiet fi proċeduri leġislattivi hija marbuta – permezz tal-prinċipji tal-ftuħ u r-responsabilità demokratika – mal-kawża tad-demokrazija rappreżentattiva fil-livell Ewropew<sup>4</sup>. Sa mill-bidu tad-demokrazija parlamentari, in-natura pubblika tad-dibattiti u l-votazzjonijiet kienet marbuta mar-responsabilità demokratika: jekk il-votanti ma jkunux jistgħu jsiru jafu x'qalu r-rappreżentanti eletti tagħhom u kif ivvutaw, dawn ma jistgħux iżommuhom responsabbli fl-elezzjonijiet li jkun imiss. F'dan il-kuntest, l-introduzzjoni ta' regoli vinkolanti għal negozjati fil-proċeduri leġislattivi li jżidu l-ftuħ, u

<sup>1</sup> Anness XXI tar-Regoli ta' Proċedura (edizzjoni ta' Lulju 2011).

<sup>2</sup> Ara d-dokument anness mad-Dokument ta' Ħidma tal-14 ta' Ottubru 2011 (PE.472.201v01.00).

<sup>3</sup> ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

<sup>4</sup> Ara l-Artikolu 10 TUE: "Il-funzjonament tal-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq id-demokrazija rappreżentattiva. [...] Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib iċ-ċittadin" u l-Artikolu 15(1) TFUE: "Sabiex tiġi promossa t-tmexxija tajba u sabiex tiġi assigurata l-parteciċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ".

għalhekk ir-responsabbiltà, tkun pass lejn it-tishiĥ tad-demokrazija rappreżentattiva fil-livell Ewropew.

Min-naħa l-oħra, ir-riforma għandha tqis il-ħtieġa tal-effiċjenza u partikolarment tal-fatt li l-ftehim fl-ewwel qari għandu l-vantaġġ li jkun proċess eħfef u aktar mgħaġġel minn proċess ta' tliet proċeduri ta' qari. Il-ħolqien ta' proċeduri ġodda li jieħdu ż-żmien u jkunu ineffiċjenti jdgħajjef dan il-vantaġġ. Għaldaqstant għandu jinstab ekwilibriju bejn dawn il-ħtieġiet matul it-traspożizzjoni tar-regoli diġà eżistenti (stabbiliti fil-Kodiċi ta' Mgħiba u fl-aħjar prattiki) fil-parti vinkolanti tal-Artikoli. Ir-rapporteur għalhekk jipproponi emendi li, minn naħa waħda, jirriflettu l-*acquis* li, għalkemm ma jorbotx, huwa diġà eżistenti f'dan il-qasam u li, min-naħa l-oħra, għandhom l-għan li jqisu l-ħtieġiet kemm tat-trasparenza u kemm tal-effiċjenza.

Tali riforma tal-Artikolu 70 għandha l-ewwel nett tiċċara l-istatus legali tal-Kodiċi ta' Mgħiba. Billi n-negozjati leġislattivi kollha għandhom jirrispettaw l-Artikoli vinkolanti, ir-rwol tal-Kodiċi mhux vinkolanti huwa li jipprovdi gwida jew orjentazzjoni. In-negozjati għandhom jitwettqu b'kunsiderazzjoni tal-Kodiċi, iżda dan biss safejn il-Kodiċi ma jikkontradixxi l-ebda Artikolu vinkolanti fis-sitwazzjoni partikolari, jew safejn ikun xieraq li jkun segwit fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet politiċi jew tar-restrizzjonijiet ta' ħin.

Id-deċiżjonijiet dwar il-ftuħ tan-negozjati leġislattivi qabel l-adozzjoni ta' rapport għall-ewwel qari għandhom jittieħdu fuq bażi ta' każ b'każ għal kull proċedura leġislattiva u b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi li jiddistingwu kull fajl individwali, fir-rigward tal-kriterji stipulati fil-Kodiċi. Dan ifisser li tali deċiżjoni trid tkun politikament ġustifikata f'termini ta', pereżempju:

- prijoritajiet politiċi;
- in-natura mhux kontroversjali jew "teknika" tal-proposta;
- sitwazzjoni urġenti; u/jew
- l-attitudni ta' Presidenza partikolari għal fajl speċifiku.

Id-deċiżjoni għandha tinkludi mandat għan-negozjati. Id-definizzjoni wisq stretta fl-Artikoli tal-forma ta' tali mandat tkun kontroproduktiva f'termini ta' flessibilità u effiċjenza. Min-naħa l-oħra, l-Artikoli għandhom jipprovdu għal xi forom ta' mandat. Għalhekk għandu jingħad b'mod ċar li mandat jista' jikkonsisti f'sett ta' emendi jew objettivi, prijoritajiet jew orjentazzjonijiet definiti b'mod ċar. Id-deċiżjoni għandha tipprovdi wkoll għal kompożizzjoni politikament ibbilanċata tat-tim tan-negozjati. Peress li l-mandat irid jiġi approvat mill-kumitat, it-tim għandu jkun immexxi minn persuna li tirrappreżenta b'mod imparzjali l-kumitat kollu u mhux minn xi ħadd meqjus bħala r-rappreżentant ta' ċertu grupp politiku. Għal din ir-raġuni t-tim għandu jkun immexxi mill-President li jista' jiddelega dan id-dmir lil kwalunkwe membru ieħor tat-tim (inkluż ir-rapporteur). Naturalment, ir-rapporteur għandu dejjem ikun membru tat-tim tan-negozjati.

L-effiċjenza u l-flessibilità għandhom, madankollu, imorru id f'id mat-trasparenza ladarba l-kumitat ikun qed jeżamina deċiżjoni formali biex jinfetħu negozjati leġislattivi. Għalhekk, deċiżjonijiet bħal dawn għandhom ikunu tradotti, imqassma lill-membri kollha tal-Parlament, mgħoddija lill-President u mħabbra fis-sessjoni parzjali li ssegwi l-adozzjoni tagħhom fil-kumitat. It-trasparenza għandha wkoll tkun żgurata bid-dispożizzjoni li skontha t-tim tan-negozjati għandu jirrapporta lura regolarment lill-kumitat responsabbli dwar il-progress u l-

eżitu tan-negozjati. L-abbozzi disponibbli għandhom jitqassmu dejjem wara kull trilogu. Bħala regola ġenerali, it-tim tan-negozjati għandu jirrapporta lura lill-kumitat kollu. Jekk rapport bħal dan ma jkunx meqjus fattibbli għal raġunijiet ta' ħin minħabba li ma jkunx jista' jitleqqa' l-kumitat sħiħ, tal-inqas ix-shadow rapporteurs, il-President u l-koordinaturi għandhom ikunu infurmati dwar il-progress u l-eżitu tan-negozjati.

Ir-rwol possibbli tal-plenarja tal-Parlament fl-approvazzjoni tal-mandat u tad-deċiżjoni li jingħata bidu għal negozjati kien diskuss fil-kumitat fuq il-bażi ta' alternattivi stipulati fid-dokument ta' ħidma u l-abbozz ta' rapport tar-rapporteur. Din hija kwistjoni kumplessa ħafna. Wieħed jista' jargumenta li l-approvazzjoni tal-mandat għan-negozjati tal-kumitat mill-plenarja tagħti aktar piż lill-pożizzjoni tal-Parlament u fit-teorija tista' tiżgura l-involviment bikri tal-membri kollha fid-deċiżjonijiet dwar il-fajls leġislattivi. Għalhekk regola ġenerali għat-tressiq tal-abbozzi ta' deċiżjonijiet kollha li jkun fihom mandati għan-negozjati għall-approvazzjoni mill-plenarja tista', mal-ewwel d-daqqa t'għajn, tidher iġġustifikata bit-titjib fil-leġittimità demokratika. Madankollu l-iżvantaġġi jkunu konsiderevoli wkoll. Involviment sħiħ u awtomatiku jgħib ir-riskju li l-proċedura ssir tqila wisq u għalhekk imur kontra l-effiċjenza u l-ħeffa relattiva inerenti għal ftehimiet fl-ewwel qari. Barra minn hekk, jekk din issir il-prattika normali, il-fajls importanti jafu ma jgħux innutati fost it-tużżani ta' fajls l-oħra. Wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li din is-soluzzjoni toħloq tgħabija ta' xogħol ikbar għall-istaff lingwistiku tal-PE. Għalhekk, għandhom isiru arranġamenti li jirrispondu għall-kriterji li ġejjin:

- ikunu jiżguraw il-leġittimità demokratika,
- ikunu flessibbli u prammatiċi, iżda wkoll
- ikunu organizzati skont l-importanza politika tal-fajls leġislattivi.

Fid-dawl ta' dawn il-kontradizzjonijiet, ir-rapporteur tagħkom jipproponi l-proċeduri li ġejjin:

Emenda 4: l-ewwelnett, għandha tiġi introdotta proċedura li tiżgura t-trasparenza u l-leġittimità demokratika tad-deċiżjonijiet *kollha* dwar il-ftuħ tan-negozjati fl-ewwel qari, li ma tkunx ta' xkiel jew tieħu fit-tul. Tali proċedura għandha tkun ibbażata fuq il-preżunzjoni ta' sens komun li "*qui tacet consentire*", jiġifieri li s-silenzju jfisser kunsens. (Tali preżunzjoni diġà qiegħda fl-Artikolu 211).

Emenda 5: it-tieni, għandha tinħoloq proċedura mgħaġġla jew proċedura msejħa "brejk ta' emerġenza" li tista' tirriżulta f'votazzjoni sempliċi ta' "iva jew le" dwar il-mistoqsija dwar il-ftuħ tan-negozjati.

Emenda 6: it-tielet, għandu jkun żgurat ukoll li f'każijiet straordinarjament jew politikament importanti l-plenarja tkun tista' tagħmel dibattitu sħiħ, tressaq emendi u twettaq proċedura ta' votazzjoni dwar il-mandat għan-negozjati. Sabiex tali proċedura tingħata bidu jkun hemm bżonn ta' intervent b'saħħtu: il-konferenza tal-Presidenti jew mill-inqas żewġ gruppi politiċi li jirrappreżentaw terz tal-Membri kollha tal-kamra.

Jekk in-negozjati jwasslu għal kompromess mal-Kunsill, il-koordinaturi tal-kumitat għandhom ikunu informati immedjatament sabiex il-gruppi politiċi jkunu konxji mill-ftehim u d-diskussjoni fil-kumitat tkun tista' tikkonċentra fuq il-ftehim milħuq. Wara dan, l-abbozz miftiehem għandu jiġi eżaminat mill-kumitat responsabbli. L-abbozz miftiehem għandu jkun

approvat mill-kumitat responsabbli kollu u mbagħad għandu jitqiegħed fuq il-Mejda mill-kumitat sabiex jiġi eżaminat fil-Parlament. Huwa xieraq li tkun definita b'mod aktar preċiż il-forma ta' mozza b'hal din, minħabba li wara l-approvazzjoni mill-Parlament l-abbozz miftiehem se jsir att leġislattiv. Għaldaqstant, skont il-prattika stabbilita sew, dan għandu jiehū l-forma ta' rapport, ta' emendi ta' kompromess għall-proposta jew ta' test konsolidat li jikkonsisti fil-proposta u l-emendi miftiehma.

Finalment, fejn l-abbozz ta' att leġislattiv ikun eżaminat fil-proċedura b'kumitati assoċjati (Artikolu 50), jew fil-proċedura b'laqgħat konġunti tal-kumitati (Artikolu 51) huwa xieraq li jkun applikati l-istess Artikoli għall-ftuħ u t-tmexxija tan-negozjati leġislattivi. Peress li huwa meħtieġ li jkun solvut malajr kwalunkwe nuqqas ta' ftehim bejn il-kumitati kkonċernati dwar l-applikazzjoni ta' dawn l-Artikoli, il-president tal-Konferenza tal-Prezidenti tal-Kumitati għandu jingħata s-setgħa li jiddeċiedi dwar il-modalitajiet li għandhom ikunu applikati f'każijiet b'hal dawn.



4.7.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali

dwar l-emenda tal-Artikolu 70 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar in-negozjati interistituzzjonali fil-proċeduri leġiżlattivi (2011/2298(REG))

Rapporteur għal opinjoni: Sharon Bowles

Mod

### SUĖĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emendi

Emenda 1

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew  
Artikolu 70 – paragrafu 2**

*Test fis-seħħ*

**2. Qabel ma jidħol f'negozjati bħal dawn, il-kumitat responsabbli għandu, fil-prinċipju, jieħu deċiżjoni b'maġġoranza tal-membri tiegħu u jadotta mandat, orjentazzjonijiet jew prijoritajiet.**

*Emenda*

**2. F'każ li l-kumitat responsabbli jqis li huwa xieraq li jidħol f'negozjati wara l-adozzjoni ta' rapport fil-kumitat, għandu jieħu deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati b'maġġoranza tal-membri tiegħu u fuq bażi ta' każ b'każ għal kull proċedura leġiżlattiva kkonċernata. Il-mandat tan-negozjati għandu jinkludi r-rapport adottat fil-kumitat sa ma jiġi adottat, fil-kumitat jew fis-seduta plenarja, mandat**

*sostituttiv.*

## Emenda 2

### Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 70 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*2a. It-tim tan-negozjar għandu jinkludi dejjem il-President, ir-rapporteur u x-shadow rapporteurs kollha, sabiex tiġi żgurata rappreżentazzjoni mill-gruppi politiċi kollha. Filwaqt li s-sostituzzjoni mhijiex imħeġġa, din titqies meta tkun neċessarja, hekk kif tista' titqies ukoll il-preżenza ta' parteċipanti addizzjonali f'ċirkostanzi speċjali, bħal fil-każ tan-negozjar ta' pakketti.*

*Il-President għandu jippresiedi t-trilogi, jiżgura li l-proċeduri korretti huma segwiti u, meta jkun il-każ, imexxi n-negozjati dwar kwistjonijiet interistituzzjonali, bħal dawk misjuba fil-memoranda interistituzzjonali jew varjazzjonijiet paragonabbli speċifiċi għal kull kumitat. Ir-rapporteur għandu jmexxi n-negozjati dwar il-kwistjonijiet leġiżlattivi sostantivi. Ir-rapporteur ma għandux jirrappreżenta l-pożizzjoni tal-grupp politiku tiegħu jew tagħha iżda dik tal-kumitat.*

## Emenda 3

### Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 70 – paragrafu 2b (ġdid)

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*2b. Id-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati fl-ewwel qari, kif imsemmija fil-paragrafu 2, għandha tiġi trażmessa lill-President u*

*mqassma lill-Membri kollha. Għandha titħabbar mill-President fil-ftuħ tas-sessjoni parzjali wara l-adozzjoni tagħha min-naħa tal-kumitat responsabbli.*

#### **Emenda 4**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew  
Artikolu 70 – paragrafu 2c (ġdid)**

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*2c. Il-punt għandu jiddaħħal fl-abbozz ta' aġenda tas-sessjoni parzjali sussegwenti biex jitqies permezz ta' votazzjoni, u fejn ikun xieraq permezz ta' dibattitu, dwar il-ftuħ tan-negozjati fl-ewwel qari fejn:*

*– minn tal-anqas 40 Membru jew żewġ gruppi politiċi, jagħmlu talba għal dan fi żmien 48 siegħa wara li tkun tħabbret id-deċiżjoni, jew*

*– il-Konferenza tal-Prezidenti tiddeċiedi hekk matul il-laqgħa ordinarja tagħha wara li tkun tħabbret id-deċiżjoni.*

*Inkella, id-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati titqies approvata immedjatament hekk kif titħabbar.*

*F'każijiet ta' urġenza, jistgħu jiġu organizzati trilogi qabel ma titħabbar id-deċiżjoni.*

#### **Emenda 5**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew  
Artikolu 70 – paragrafu 2d (ġdid)**

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*2d. Id-dokumenti kollha, inklużi l-abbozzi bil-miktub u d-dokumenti informali, għandhom jitqassmu lit-tim tan-negozjar*



*kollu kemm hu. Id-dokumenti li jridu jiġu diskussi fit-trilogi għandhom jiġu pprovduti tal-anqas 24 siegħa qabel kull laqgħa. L-abbozzi bil-miktub u d-dokumenti informali kollha eżaminati waqt it-trilogu għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-kumitat, li jista' jsir permezz tal-gruppi, kif ikun il-każ.*

*Ir-rapporteur għandu jinforma lit-tim tan-negozjar minn qabel f'każ li għandha ssir diskussjoni bilaterali mal-Kummissjoni jew mal-Prezidenza tal-Kunsill, u għandu jirrapporta lura dwar it-temi diskussi u jqassam kwalunkwe proposta jew dokument. In-negozjati bilaterali ma għandhomx jissostitwixxu n-negozjati fit-trilogu u ma għandhomx jirriżultaw fil-konklużjoni ta' xi ftehim.*

*Il-President għandu jirrapporta formalment dwar il-progress tan-negozjati fit-trilogu li seħħew minn meta saret il-laqgħa tal-kumitat preċedenti. Jekk ikunu saru żviluppi sostanzjali jew jeħtieġ li jiġu determinati prijoritajiet, ir-rapporteur u t-tim li qed jinnegozja għandhom imexxu d-dibattitu.*

*Jekk ikun hemm żviluppi sinifikanti u jirriżulta li huwa impossibbli li tiġi konvokata laqgħa tal-kumitat f'ħin utli, it-tim li qed jinnegozja għandu jirrapporta lura lill-koordinaturi tal-kumitat.*

*Il-kumitat responsabbli jista' jaġġorna l-mandat fid-dawl tal-progress tan-negozjati.*

## Emenda 6

### Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 70 – paragrafu 3

*Test fis-seħħ*

3. Jekk in-negozjati jwasslu għal kompromess mal-Kunsill *wara l-adozzjoni tar-rapport* mill-kumitat, *il-kumitat*

*Emenda*

3. Jekk in-negozjati jwasslu għal kompromess mal-Kunsill, *il-koordinaturi* tal-kumitat *responsabbli għandhom ikunu*

għandu *fi kwalunkwe każ jerġa' jiġi*  
*kkonsultat qabel ma ssir il-votazzjoni fil-*  
*plenarja.*

*informati mingħajr dewmien u l-*  
*kompromess għandu jiġi ppreżentat fil-*  
*kumitat responsabbli. Jekk ma jkun*  
*hemm ebda oġġezzjoni min-naħa ta' xi*  
*membri tal-kumitat responsabbli, it-test*  
*miftiehem għandu jiġi ppreżentat mill-*  
*kumitat għal eżami mill-Parlament fil-*  
*forma ta' rapport jew emendi ta'*  
*kompromess li jistgħu jkunu fil-forma ta'*  
*test ikkonsolidat.*

*F'każ li membru tal-Kumitat iqajjem*  
*oġġezzjoni għat-tressiq tat-test miftiehem*  
*fis-seduta plenarja, il-kwistjoni għandha*  
*tiddaħħal fl-iskeda għal votazzjoni fil-*  
*kumitat u d-deċiżjoni għandha tiġi*  
*adottata b'maġġoranza sempliċi. Il-*  
*votazzjoni tista' tiddaħħal fl-aġenda ta'*  
*dik is-seduta tal-kumitat.*

#### **Emenda 7**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**  
**Artikolu 70 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*3a. B'deroga għall-Artikolu 57(2), jekk*  
*jintalab mandat fis-seduta plenarja iżda*  
*ma tkun saret l-ebda votazzjoni finali*  
*dwar ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva, meta tkun*  
*ittieħdet il-votazzjoni finali, l-emendi*  
*jistgħu jitressqu mill-kumitat*  
*responsabbli, minn grupp politiku jew*  
*minn tal-anqas 40 Membri.*

#### **Emenda 8**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**  
**Artikolu 70 – paragrafu 3b (ġdid)**

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*3b. Meta abbozz ta' att leġiżlattiv huwa*  
*eżaminat b'konformità mal-proċedura*

*mal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 50, jew b'konformità mal-proċedura mal-laqgħat tal-kumitat konġunt skont l-Artikolu 51, dawk l-Artikoli għandhom japplikaw ukoll għad-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati u għat-twettiq ta' tali negozjati. Fejn japplika l-Artikolu 50, fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim bejn il-kumitati kkonċernati, id-deċiżjoni tal-kumitat ewlieni dwar jekk għandhomx jinbdew in-negozjati għandha tingħata preċedenza, mingħajr ħsara għall-proċeduri msemmija fil-paragrafu 2a.*

*Fejn japplika l-Artikolu 51, fin-nuqqas ta' ftehim bejn iż-żewġ pajjiżi kkonċernati, il-modalitajiet għall-ftuħ u t-twettiq ta' tali negozjati għandhom jiġu determinati mill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitat b'konformità mal-prinċipji stipulati f'dawn l-Artikoli.*

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	2.7.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 33 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elena Bănescu, Sharon Bowles, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Diogo Feio, Elisa Ferreira, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Theodor Dumitru Stolojan, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Pablo Zalba Bidegain
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Herbert Dorfmann, Bas Eickhout, Sari Essayah, Danuta Maria Hübner, Sophia in 't Veld, Olle Ludvigsson, Roberts Zile

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	17.9.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 20 -: 0 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Andrew Henry William Brons, Carlo Casini, Andrew Duff, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom, Zita Gurmai, Gerald Häfner, Daniel Hannan, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, Paulo Rangel, Algirdas Saudargas, József Szájer, Rafał Trzaskowski, Manfred Weber, Luis Yáñez-Barnuevo García
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Zuzana Brzobohatá, Luis de Grandes Pascual, Isabelle Durant, Marietta Giannakou, Anneli Jäätteenmäki, György Schöpflin